IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.11.2022
COM(2022) 647 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport annwali dwar l-operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja tal-Unjoni Ewropea ffinanzjati fl-2021

INTRODUZZJONI 2
OPERAZZJONIJIET TA' GĦAJNUNA UMANITARJA APPOĠĠATI FL-2021 2
Ħarsa ġenerali — L-operazzjonijiet ewlenin ta' għajnuna appoġġati 2
Prijoritajiet orizzontali 9
Sommarju tal-evalwazzjonijiet li tlestew fl-2021 11
Informazzjoni u sorsi addizzjonali 13
Sħab tad-DĠ ECHO inkarigati mill-implimentazzjoni (2021) 14

INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jippreżenta l-attivitajiet ewlenin u l-eżiti tal-politika tal-Unjoni Ewropea (UE) fl-2021 fil-qasam tal-għajnuna umanitarja, kif iffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni u implimentati mill-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni).

Ir-rapport jitħejja f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996.

OPERAZZJONIJIET TA' GĦAJNUNA UMANITARJA APPOĠĠATI FL-2021

Fl-2021, il-ħtiġijiet umanitarji komplew jiżdiedu minħabba kriżijiet kumplessi, kunflitti armati, diżastri naturali, u emerġenzi tas-saħħa, b'mod partikolari l-pandemija tal-COVID-19. Il-Kummissjoni, permezz tad-Direttorat Ġenerali tagħha għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (DĠ ECHO), baqgħet donatur umanitarju ewlieni, u allokat kważi EUR 2,2 biljun f'aktar minn 80 pajjiż biex tappoġġa miljuni ta' persuni fil-bżonn. Filwaqt li l-impatt enormi tal-pandemija tal-COVID-19 aggrava s-sitwazzjoni mwiegħra tal-popolazzjonijiet vulnerabbli, ġie mmobilizzat total ta' EUR 656 miljun f'appoġġ umanitarju mill-bidu tal-pandemija biex jindirizza l-effetti tagħha, inkluż pakkett ta' EUR 100 miljun għall-varar tal-vaċċinazzjoni fl-Afrika f'kooperazzjoni maċ-Ċentri tal-Afrika għall-Kontroll u l-Prevenzjoni tal-Mard. Barra minn hekk, il-Pont bl-Ajru Umanitarju (Humanitarian Air Bridge, HAB) kompla jopera b'21 titjira fl-2021, u pprovda provvisti mediċi essenzjali u merkanzija umanitarja lil erba' pajjiżi[1].

Proporzjon kbir tal-għajnuna umanitarja tal-UE kien allokat għall-kriżijiet fl-Afrika, u fis-Sirja (u l-pajjiżi ġirien tagħha). Barra minn hekk, mill-ħtif tal-poter mit-Taliban f'Awwissu 2021, ġiet immobilizzata reazzjoni sinifikanti għall-għajnuna umanitarja sabiex jiġi indirizzat id-deterjorament drastiku tas-sitwazzjoni politika fl-Afganistan u fil-pajjiżi ġirien tiegħu. Barra minn hekk, l-UE żammet ukoll l-enfasi tagħha fuq l-appoġġ tal-popolazzjonijiet milquta minn "kriżijiet minsija", bħal fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, fis-Sudan, fil-Pakistan, fil-Kolombja, fil-Venezwela, fil-Haiti, fl-Ukrajna u fil-Filippini.

Sabiex tindirizza d-diskrepanza dejjem akbar fil-finanzjament umanitarju, il-Kummissjoni ppromwoviet ukoll l-implimentazzjoni tal-impenji Grand Bargain filwaqt li żgurat ukoll finanzjament ta' kwalità permezz tal-implimentazzjoni tal-linji gwida ta' politika settorjali tagħha.

Ħarsa ġenerali — L-operazzjonijiet ewlenin ta' għajnuna appoġġati

L-Afrika sub-Saħarjana

L-Etjopja

Fl-Etjopja, l-2021 kienet ikkaratterizzata mill-kunflitt tat-Tramuntana li qiegħed jevolvi bejn il-Gvern Federali u l-Forzi Reġjonali tas-Sigurtà Tigrayani.

L-UE pprovdiet EUR 85,5 miljun biex tappoġġa l-għoti ta' assistenza li ssalva l-ħajjiet lil

[1] L-Afganistan, il-Mozambique, l-Etjopja u l-Haiti kienu koperti mill-HAB fl-2021.

persuni spostati internament minħabba kunflitti jew perikli naturali, kif ukoll lil refuġjati, migranti, u persuni b'insigurtà alimentari, affettwati mit-tifqigħa tal-ġurati fir-reġjun.

Il-Kenja

Il-Kenja tospita aktar minn 500 000 refuġjat primarjament mis-Somalja u mis-Sudan t'Isfel, li huma kompletament dipendenti fuq l-għajnuna umanitarja. In-nixfa li għaddejja, u l-COVID-19, affettwaw dejjem aktar is-sitwazzjoni tal-ikel u tan-nutrizzjoni, b'mill-anqas 3,1 miljun persuna fil-bżonn ta' assistenza alimentari fl-Artijiet Aridi u Semi-Aridi.

L-UE pprovdiet EUR 18-il miljun għal servizzi bażiċi ta' sopravivenza (assistenza alimentari, ilma, sanità u iġjene (WASH), nutrizzjoni tas-saħħa, protezzjoni u edukazzjoni) għal refuġjati u persuni li qegħdin ifittxuażil li jgħixu fil-kampijiet.

Is-Somalja

Is-sitwazzjoni umanitarja fis-Somalja kompliet tiddeterjora fl-2021 minħabba kunflitt armat intern u l-iżvilupp ta' nixfa serja.

L-assistenza umanitarja tal-UE ta' EUR 63,8 miljun kienet tinkludi attivitajiet li jsalvaw il-ħajjiet, miżuri ta' mitigazzjoni biex jiġu indirizzati ż-żieda tal-ġurati tad-deżert, l-għargħar u l-impatt tal-COVID-19 u miżuri biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' rispons bikri f'każ ta' xokkijiet ġodda.

Is-Sudan t'Isfel

Fl-2021, il-komunitajiet intlaqtu ħażin ħafna mill-kunflitt, mill-vjolenza subnazzjonali, mill-għargħar kbir u mill-COVID-19. L-aċċess umanitarju għall-popolazzjonijiet affettwati kompla jiġi ristrett mill-vjolenza u mill-impedimenti operazzjonali.

L-azzjoni tal-UE mmobilizzat EUR 76,5 miljun sabiex tnaqqas il-mortalità u l-morbidità żejda fil-pajjiż, tipproteġi lill-komunitajiet affettwati mill-vjolenza, tipprovdi attivitajiet li jsalvaw il-ħajjiet, u tappoġġa l-azzjonijiet tal-komunità umanitarja.

Is-Sudan

In-numru ta' persuni fil-ħtieġa għall-assistenza żdied għar-raba' sena konsekuttiva. L-insigurtà alimentari baqgħet għolja b'mod allarmanti b'żieda u bi spostament fit-tul ikkawżati minn kunflitt armat intern, minn tnaqqis ekonomiku u minn inflazzjoni li taffettwa l-prezzijiet tal-ikel. Dan ġie aggravat bl-impatt tal-COVID-19. Minn Ottubru 2021, aktar minn 20 % tal-popolazzjoni tas-Sudan iffaċċjat insigurtà alimentari akuta.

L-UE allokat EUR 62,1 miljun sabiex tipprovdi servizzi li jsalvaw il-ħajjiet ta' emerġenza u assistenza ta' protezzjoni lil popolazzjonijiet spostati jew affettwati minn kunflitti jew minn diżastri naturali, u sabiex tagħti risposta għal kriżijiet tas-saħħa, tas-sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni.

L-Uganda

L-Uganda tospita l-akbar popolazzjoni ta' refuġjati fl-Afrika, prinċipalment mis-Sudan t'Isfel u mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK). L-influss ta' refuġjati estenda l-kapaċità taċ-ċentri ta' akkoljenza u ta' tranżitu. Il-ħtiġijiet ewlenin huma relatati mal-assistenza alimentari, WASH, il-protezzjoni u servizzi bażiċi oħrajn.

Ġew allokati EUR 35 miljun mill-UE għal assistenza li ssalva l-ħajjiet lill-aktar komunitajiet vulnerabbli u ospitanti u għat-tisħiħ tat-tħejjija lokali għad-diżastri.

Il-Burundi

Minħabba avvenimenti estremi tat-temp, il-COVID-19 u t-tħassib dwar is-sigurtà u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, 2,3 miljun persuna fil-Burundi u aktar minn 260 000 refuġjat fil-pajjiżi ġirien kienu jeħtieġu għajnuna umanitarja.

L-UE ħadet approċċ reġjonali, billi allokat EUR 12,8-il miljun f'għajnuna għall-koordinazzjoni, il-protezzjoni, it-tħejjija għad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, inkluż kontra l-epidemiji.

Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

Il-kriżijiet umanitarji fir-RDK esponew 26 miljun persuna għal insigurtà alimentari akuta. Minħabba l-kunflitt u l-vjolenza persistenti, ir-RDK għandha aktar minn 5,6 miljun persuna spostata internament (internally displaced persons, IDPs) u aktar minn 800 000 refuġjat f'pajjiżi ġirien. Il-malarja, id-diżastri naturali u l-epidemiji kellhom impatt enormi.

L-UE allokat EUR 70 miljun f'għajnuna umanitarja li minnhom aktar minn EUR 63 miljun ġew allokati għal attivitajiet li jsalvaw il-ħajjiet, inklużi EUR 15-il miljun għar-rispons għall-karestija. Hija appoġġat ukoll ir-rispons ta' emerġenza għall-iżbroff tal-vulkan ta' Mount Nyiragongo.

Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana

Minħabba l-kriżi reġjonali li qiegħda tiddeterjora li wasslet biex aktar minn 1,4 miljun persuna jitilqu minn djarhom, kienu allokati fondi tal-UE (EUR 22,5 miljun, inkluż 1 miljun għar-rispons għall-influss il-ġdid ta' refuġjati mir-Repubblika Ċentru-Afrikana fir-RDK) sabiex jappoġġaw il-provvista tal-ikel, l-għajxien, l-agrikoltura, il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili u tas-servizzi bażiċi fil-pajjiż. Ingħata wkoll appoġġ sabiex jissaħħu l-koordinazzjoni umanitarja, is-sigurtà u l-loġistika.

Is-Saħel

Il-Burkina Faso, il-Mauritania, il-Mali, iċ-Chad, in-Niġer, in-Niġerja u l-Kamerun

Hemm aktar minn 32 miljun persuna identifikati bħala persuni fil-bżonn, bi 23,7 miljun f'insigurtà alimentari (bħala medja d-doppju meta mqabbla mal-perjodu bejn l-2015 u l-2020).

L-UE pprovdiet rispons ta' EUR 242 miljun fir-reġjun tas-Saħel biex jiġu indirizzati l-kriżi tal-ikel, tittejjeb il-koordinazzjoni umanitarja u l-ġestjoni tas-sigurtà f'żoni ta' kunflitt u sabiex tittejjeb it-tħejjija għad-diżastri. Sar aktar progress fl-implimentazzjoni tar-rabta bejn l-iżvilupp umanitarju u l-paċi sabiex tinbena r-reżiljenza tal-popolazzjonijiet milquta, jitnaqqsu l-ħtiġijiet umanitarji u jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-insigurtà alimentari u n-nuqqas ta' nutrizzjoni akuta.

Il-baċir tal-lag Chad

In-Niġerja, in-Niġer, il-Kamerun u ċ-Chad

Kriżi li ilha għaddejja għaxar snin affettwat aktar minn 10 miljun persuna fir-reġjun. L-UE tat prijorità lill-assistenza multisettorjali u allokat EUR 96,5 miljun sabiex tappoġġa

popolazzjonijiet spostati b'mod furzat, b'assistenza alimentari, in-nutrizzjoni, is-saħħa u WASH. L-UE indirizzat ukoll l-edukazzjoni f'emerġenzi, it-tħejjija għad-diżastri, il-loġistika għall-infrastrutturi umanitarji u l-aċċess permezz tas-servizzi tal-ajru.

Ir-Reġjun tal-Afrika tan-Nofsinhar u l-Oċean Indjan

L-Angola, il-Botswana, il-Gżejjer ta' Comoros, l-Eswatini, il-Lesoto, Madagascar, il-Malawi, Mauritius, il-Mozambique, in-Namibja, is-Seychelles, l-Afrika t'Isfel, iż-Żambja u ż-Żimbabwe

Il-ħtiġijiet fir-reġjun tan-Nofsinhar tal-Afrika u tal-Oċean Indjan żdiedu b'mod sinifikanti minħabba n-nixfiet, il-COVID-19, iż-żieda fl-attivitajiet ċikloniċi, il-prezzijiet għoljin tal-ikel u l-vjolenza bl-armi, li wasslu għal spostament intern. Aktar minn 23 miljun persuna ffaċċjaw livelli akuti ta' insigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni u kellhom bżonn ta' assistenza umanitarja madwar ir-reġjun.

L-għajnuna tal-UE ta' EUR 52,5 miljun ffokat fuq ir-rispons għal għajnuna ta' emerġenza bħall-assistenza alimentari u tan-nutrizzjoni, il-protezzjoni, l-aċċess għall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni f'emerġenzi, l-ilma u s-sanità u t-tħejjija għad-diżastri.

L-Afrika ta' Fuq

Il-Libja

Madwar 1,3 miljun persuna kienu jeħtieġu assistenza umanitarja, 168 011 baqgħu spostati u 635 051 kienu migranti. Il-COVID-19 u aċċess umanitarju limitat aggravaw il-kriżi umanitarja.

L-UE allokat EUR 9 miljun sabiex tgħin lil dawk l-aktar vulnerabbli, permezz ta' interventi ta' protezzjoni, trasferimenti ta' flus b'diversi skopijiet, kura tas-saħħa bażika u edukazzjoni f'emerġenzi. It-tnedija tal-kampanja tal-vaċċin tal-COVID-19 ġiet appoġġata minn finanzjament iddedikat.

Is-Saħara tal-Punent u l-Alġerija

Għexieren ta' eluf ta' refuġjati mis-Saħara tal-Punent għadhom maqbuda fi kriżi minsija li ilha għaddejja 40 sena. Huma jgħixu f'ħames kampijiet fl-Alġerija tal-Lbiċ bi ftit aċċess għal riżorsi esterni, u dan jagħmel l-għajnuna umanitarja essenzjali għas-sopravivenza tagħhom.

L-UE allokat assistenza umanitarja ta' EUR 10 miljun tal-UE kienet immirata sabiex tkopri l-ħtiġijiet bażiċi tar-refuġjati tas-Saħara tal-Punent bħall-ikel, l-ilma tax-xorb, il-kura tas-saħħa essenzjali, u l-edukazzjoni f'emerġenzi. Din kienet tinkludi EUR 1 miljun iddedikati għal attivitajiet relatati mal-COVID-19.

L-Amerika Latina u l-Karibew

Ir-reġjun tal-Amerika Latina u l-Karibew ġie affettwat b'mod sever ħafna mill-effetti multidimensjonali tal-COVID-19.

L-UE appoġġat lir-reġjun b'EUR 16,9 miljun (inkluż EUR 0,9 miljun minn epidemiji), biex b'hekk tindirizza l-konsegwenzi tal-pandemija fost l-aktar vulnerabbli (inklużi l-komunitajiet indiġeni).

L-Amerika t'Isfel

Il-Venezwela

Flimkien mar-reċessjoni ekonomika fit-tul u l-iperinflazzjoni, il-pandemija tal-COVID-19 aggravat il-ħtiġijiet għas-saħħa, għall-ilma, għall-ikel u għall-edukazzjoni fil-Venezwela. Skont il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, madwar 6 miljun Venezwelan telqu minn pajjiżhom minn meta bdiet il-kriżi.

Fl-2021, l-UE allokat EUR 82,2 miljun sabiex tappoġġa lill-migranti/lir-refuġjati tal-Venezwela kif ukoll lill-komunitajiet ospitanti f'pajjiżi ġirien bħall-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador.

Il-Kolombja

Is-sitwazzjoni umanitarja fil-Kolombja marret għall-agħar drastikament fl-2021 wara l-wasla ta' 1,8 miljun refuġjat Venezwelan fil-pajjiż u minħabba żieda fil-vjolenza interna.

L-UE pprovdiet EUR 12,2-il miljun ta' għajnuna ta' emerġenza lil persuni affettwati minn vjolenza interna, spostament u restrizzjoni tal-moviment (speċjalment għal minoranzi) u kompliet bl-involviment tagħha f'termini ta' tħejjija għad-diżastri (EUR 2 miljun).

L-Amerika Ċentrali

Il-Gwatemala, il-Honduras u El Salvador

Skont ir-rapport Pjan ta' Ħarsa Ġenerali tal-2021 lejn il-Ħtiġijiet Umanitarji għal dawk il-pajjiżi, 8,3 miljun persuna kellhom bżonn assistenza umanitarja. Kien hemm ukoll aktar minn 1,7 miljun persuna spostata internament. Il-movimenti tal-popolazzjoni transkontinentali u ekstrakontinentali ġarrbu żieda drammatika matul l-2021.

Fl-2021, ir-rispons tal-UE ta' EUR 12,3-il miljun assista madwar 860 000 benefiċjarju u indirizza l-ħtiġijiet kritiċi tal-vittmi u s-superstiti l-aktar vulnerabbli tal-vjolenza organizzata, b'mod partikolari permezz ta' protezzjoni u ta' assistenza ta' soljev u l-għoti ta' assistenza alimentari.

Il-Karibew, inkluż il-Haiti

Il-kriżi soċjoekonomika fir-reġjun kollu derivata mill-pandemija tal-COVID-19 żiedet l-insigurtà alimentari: 10 miljun persuna sofrew minn insigurtà alimentari moderata u 1 miljun minn insigurtà alimentari severa.

Fl-2021, l-UE baqgħet involuta fl-appoġġ għar-reżiljenza u t-tħejjija għad-diżastri fir-reġjun u allokat total ta' EUR 3,9 miljun, inkluża l-assistenza ta' emerġenza b'rispons għall-eruzzjoni vulkanika ta' Soufrière f'Saint Vincent u l-Grenadini.

Fir-rigward tal-Haiti, minn Ġunju 2021, il-vjolenza u t-tilwim territorjali bejn il-gangs armati f'Port-au-Prince żdiedu b'mod sinifikanti, b'aktar minn 19 000 IDP li rreġistraw li ffaċċjaw theddid serju għall-protezzjoni.

L-UE mmobilizzat EUR 17-il miljun sabiex ittaffi l-insigurtà alimentari akuta fil-Haiti, biex tgħin u tipproteġi lill-vittmi tal-vjolenza, biex tipprovdi għajnuna wara t-terremot tal-14 ta' Awwissu 2021, u wkoll għal azzjonijiet għat-tħejjija għad-diżastri.

L-Asja u l-Paċifiku

L-Asja Ċentrali

L-Afganistan, il-Pakistan u l-Iran

Is-sitwazzjoni umanitarja fl-Afganistan u fil-pajjiżi ġirien, l-aktar l-Iran u l-Pakistan iddeterjorat drastikament mill-ħtif tal-poter tat-Taliban f'Awwissu 2021. Valutazzjoni[2] tal-Klassifikazzjoni Integrata (Integrated Phase Classification, IPC) tal-Fażi tas-Sigurtà tal-Ikel stmat li fl-Afganistan, 24 miljun persuna kellhom bżonn assistenza umanitarja minħabba s-sitwazzjoni ta' insigurtà alimentari inkwetanti, il-pandemija tal-COVID-19 u r-reċessjoni ekonomika. Bejn Jannar u d-19 ta' Diċembru 2021, 682 031 persuna ġdida kienu spostati internament ġodda.

L-UE alloka total ta' EUR 251,5 miljun li laħaq 5 miljun benefiċjarju fi bżonn kbir. Xi 280 tunnellata ta' merkanzija, l-aktar tagħmir mediku, provvisti tal-COVID-19 u oġġetti tal-ikel ġew ittrasportati lejn Kabul permezz tal-Ponta bl-Ajru Umanitarju tal-UE.

Il-Bangladesh

Skont il-Pjan ta' Rispons Konġunt tal-2021, bħala riżultat tal-kriżi tar-Rohingya, 884 000 refuġjat apolidu kienu joqgħodu fir-reġjun ta' Cox's Bazar. Il-ħtiġijiet umanitarji indirizzati mill-UE permezz tal-allokazzjoni ta' EUR 41,1 miljun kienu jinkludu l-assistenza alimentari, is-saħħa, in-nutrizzjoni, l-ilma u s-sanitazzjoni, il-protezzjoni, il-kenn u l-edukazzjoni.

Il-Myanmar

Wara l-coup militari tal-Myanmar fi Frar 2021, is-sitwazzjoni umanitarja baqgħet estremament volatili, b'madwar 700 000 persuna spostata fl-aħħar tal-2021. L-UE mmobilizzat EUR 24,8 miljun biex tipprovdi assistenza prinċipalment fir-rigward tar-rispons ta' emerġenza, protezzjoni, assistenza alimentari, saħħa, nutrizzjoni, ilma u s-sanitazzjoni, kenn u edukazzjoni.

Il-Filippini

Il-kunflitt armat li għaddej f'Mindanao huwa meqjus bħala wieħed mill-aktar kriżijiet importanti li ntesew. Il-Filippini huwa suxxettibbli wkoll għal diżastri naturali b'miljuni affettwati fl-aħħar sena.

Fl-2021, l-UE allokat EUR 7 miljun sabiex tindirizza l-ħtiġijiet prinċipalment relatati mal-kunflitt f'Mindanao u mal-perikli naturali, speċjalment it-tifuni. Il-ħtiġijiet tal-persuni affettwati (inklużi l-IDPs) kienu fil-mira permezz ta' trasferimenti ta' flus.

Il-Lvant Nofsani u l-Viċinat (in-Nofsinhar u l-Lvant)

Is-Sirja

13,4-il miljun persuna kellhom bżonn għajnuna umanitarja minħabba l-kunflitt armat ta' diversi aspetti fis-Sirja. L-UE allokat EUR 140 miljun biex tgħin lill-popolazzjoni vulnerabbli,

2 L-IPC huwa sett ta' għodod standardizzati li għandu l-għan li jipprovdi standard komuni għall-klassifikazzjoni tas-severità u l-kobor tal-insigurtà alimentari. Il-perjodu tal-aħħar IPC ikopri minn Settembru 2021 sa Marzu 2022.

u żgurat il-provvista ta' ikel, mediċina, ilma, u kenn. L-assistenza tal-UE kellha l-għan li ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien, fir-rigward tas-saħħa, tal-protezzjoni u tal-edukazzjoni.

Il-Kummissjoni organizzat u kkopresediet il-konferenza dwar "Appoġġ għall-Futur tas-Sirja u tar-Reġjun" u pparteċipat fit-Task Force Umanitarja relatata mal-Grupp Internazzjonali ta' Appoġġ għas-Sirja.

Il-Libanu u l-Ġordan

Fil-Libanu, l-instabbiltà politika u t-tensjoni komunali influwenzaw id-diskors u l-ispazju ta' protezzjoni tar-refuġjati Sirjani u ħolqu kwistjonijiet ta' aċċess għas-sħab umanitarji, li affettwaw il-kapaċità tagħhom li jipprovdu l-għajnuna.

Fil-Ġordan, il-pandemija tal-COVID-19 kompliet taggrava n-nuqqas ta' aċċess mir-refuġjati għal servizzi bażiċi, bħall-akkomodazzjoni jew l-edukazzjoni, speċjalment għal dawk li jgħixu fil-kampijiet.

L-UE għenet lir-refuġjati Sirjani u lill-popolazzjoni ospitanti vulnerabbli fil-Libanu u fil-Ġordan billi appoġġat il-protezzjoni tagħhom u ffaċilitat l-aċċess tagħhom għal servizzi bażiċi, bħas-saħħa, l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni jew is-servizzi WASH. L-assistenza umanitarja totali tal-UE ammontat għal EUR 72,5 miljun.

Il-Palestina[3]

L-UE pprovdiet EUR 34,7 miljun sabiex tappoġġa lill-popolazzjoni ċivili vulnerabbli f'Gaża, li hija esposta għal kunflitt f'ambjent soċjoekonomiku li qiegħed jiddeterjora, kif ukoll lill-komunitajiet vulnerabbli f'riskju ta' spostament furzat u b'nuqqas ta' aċċess għal servizzi bażiċi fix-Xatt tal-Punent. Dan kien jinkludi rispons ta' emerġenza matul iż-żieda fit-tensjoni f'Mejju 2021.

L-UE kompliet tippromwovi r-rispett tad-Dritt Umanitarju Internazzjonali f'Gaża, f'Ġerusalemm tal-Lvant u fix-Xatt tal-Punent.

L-Iraq

1,2 miljun persuna baqgħu spostati madwar il-pajjiż u aktar minn 85 % tal-IDPs għexu f'siti informali barra mill-kampijiet.

L-għajnuna umanitarja tal-UE (EUR 28,5 miljun) indirizzat il-ħtiġijiet tal-IDPs l-aktar vulnerabbli permezz tal-għoti ta' assistenza multisettorjali. Il-finanzjament appoġġa wkoll l-aċċess għall-vaċċin tal-COVID-19, għall-prevenzjoni u għal sistemi ta' riferiment tas-saħħa għal persuni esklużi u emarġinati.

Il-Jemen

Il-Jemen baqa' l-akbar kriżi umanitarja fid-dinja b'20,7 miljun persuna li jeħtieġu assistenza u protezzjoni umanitarja. Aktar minn 4 miljun persuna ġew spostati minħabba l-kunflitt armat li għaddej bħalissa. Il-Jemen qiegħed jesperjenza waħda mill-akbar emerġenzi tas-sigurtà tal-ikel fid-dinja, b'16,2-il miljun persuna qegħdin jiffaċċjaw nuqqasijiet tal-ikel serji.

L-UE pprovdiet EUR 134 miljun għal assistenza li ssalva l-ħajjiet immirata lejn persuni esposti

[3] Din id-dežinjazzjoni ma għandhiex tiġi interpretata bħala rikonoxximent ta' Stat tal-Palestina u hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri fuq din il-kwistjoni.

direttament għall-kunflitt armat jew li jgħixu f'żoni ta' riskju għoli ta' insigurtà alimentari, ta' malnutrizzjoni u ta' epidemiji.

It-Turkija

Fit-Turkija, l-UE allokat EUR 325 miljun sabiex tkompli tipprovdi appoġġ lill-akbar popolazzjoni ta' refuġjati fid-dinja. Il-pandemija tal-COVID-19 affettwat lir-refuġjati u kompliet iżżid il-ħtiġijiet tagħhom. Il-protezzjoni tibqa' ħtieġa ewlenija peress li r-refuġjati jiffaċċjaw diffikultajiet sabiex jaċċessaw is-servizzi soċjali u jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.

Fl-2021, l-UE appoġġat aktar minn 1,5 miljun refuġjat, billi ssodisfat il-ħtiġijiet bażiċi b'assistenza fi flus ta' kull xahar (permezz tax-Xibka ta' Sikurezza Soċjali ta' Emerġenza) u għenet lil familji vulnerabbli tar-refuġjati li t-tfal tagħhom attendew l-iskola taħt it-Trasferiment Kondizzjonali ta' Flus għall-Edukazzjoni (CCTE). Fl-2021, is-CCTE għen lil aktar minn 695 000 tifel u tifla.

L-Ukrajna

Is-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Ukrajna, speċjalment fil-Lvant tal-Ukrajna, kienet volatili anke qabel ma bdiet il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Diġà fl-2021, madwar 3,4 miljun persuna kienu jeħtieġu assistenza umanitarja.

B'reazzjoni għal dan, l-UE allokat EUR 28,9 miljun u fl-2021 laħqet aktar minn 750 000 persuna inkluż fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk. Il-finanzjament għen lin-nies fl-oqsma tas-saħħa, tal-ħtiġijiet bażiċi, tal-aċċess għall-ilma, tal-edukazzjoni f'emerġenzi, u tal-protezzjoni, inkluża l-edukazzjoni dwar ir-riskji tal-mini.

Il-Belarussja

L-Unjoni indirizzat minnufih l-impatt umanitarju tal-kriżi tal-migrazzjoni maħluqa u strumentalizzata mir-reġim tal-Belarussja għal skopijiet politiċi, li żdiedet f'Novembru 2021. L-UE pprovdiet EUR 700 000 lis-sħab umanitarji sabiex jipprovdu assistenza ta' għajnuna lil persuni li tħallew l-art fil-fruntieri esterni tal-UE mal-Belarussja.

Prijoritajiet orizzontali

F'Marzu 2021, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar l-azzjoni umanitarja tal-Unjoni Ewropea, li tistabbilixxi viżjoni strateġika għar-rwol tal-UE bħala attur umanitarju, u li tiddefinixxi aġenda ċara għall-azzjoni umanitarja tal-UE għas-snin li ġejjin. Il-kommunikazzjoni tipprevedi azzjonijiet biex twessa' l-bażi tad-donaturi għall-azzjoni umanitarja, kemm ġewwa kif ukoll lil hinn mill-UE, sabiex iżżid l-isforzi sabiex tippromwovi r-rispett tad-Dritt Umanitarju Internazzjonali f'kunflitti armati jew sabiex tiżgura li l-assistenza tirrappreżenta l-aħjar valur possibbli għall-flus, filwaqt li jkollha l-akbar impatt possibbli fuq il-post.

Id-Dritt Umanitarju internazzjonali

Fl-2021, l-UE kompliet l-affermazzjoni pubblika sistematika tagħha tad-Dritt Umanitarju Internazzjonali pereżempju permezz ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi u interventi f'fora multilaterali, bħal avveniment sekondarju fuq il-marġini tal-Assemblea Ġenerali tan-NU f'Settembru 2021, il-ħidma preparatorja tal-Forum Umanitarju Ewropew permezz ta' webinar fis-26 ta' Novembru 2021 jew permezz tal-appoġġ ta' diplomazija umanitarja tal-UE aktar b'saħħitha. Is-sett estensiv ta' azzjonijiet tal-Kummissjoni ġie inkluż fir-Rapport tal-2021 dwar

il-Linji Gwida tal-UE dwar il-Promozzjoni tal-Konformità mad-Dritt Umanitarju Internazzjonali ppubblikat f'Ġunju 2022.

Il-Kummissjoni kienet ukoll qed tippromwovi l-protezzjoni tal-edukazzjoni minn attakki, il-protezzjoni tat-tfal f'kunflitt armat u s-sikurezza u s-sigurtà tal-persunal umanitarju u mediku f'kunflitti armati. Dan sar permezz ta' avveniment sekondarju organizzat mal-Belġju fit-23 ta' Settembru 2021 fil-marġini tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-2021 u permezz ta' serje ta' diskussjonijiet dwar is-sikurezza u s-sigurtà tal-persunal umanitarju u mediku f'kunflitti armati.

Edukazzjoni f'Emerġenzi

Fl-2021, il-Kummissjoni kompliet talloka 10 % tal-baġit inizjali tagħha għall-għajnuna umanitarja għall-Edukazzjoni f'Emerġenzi, fejn appoġġat l-edukazzjoni formali u mhux formali, ippromwoviet soluzzjonijiet integrati u innovattivi sabiex tiżgura li t-tfal kollha affettwati minn kunflitti armati u minn emerġenzi umanitarji, b'mod partikolari l-bniet, ikollhom aċċess ekwu għal apprendiment sikur u ta' kwalità. Dan il-finanzjament ammonta għal EUR 146 miljun, għall-benefiċċju ta' aktar minn 2,3 miljun tifel u tifla.

Assistenza alimentari u malnutrizzjoni

Skont il-Global Report on Food Crises tal-2021, aktar minn 155 miljun persuna esperjenzaw ġuħ akut u kienu jeħtieġu għajnuna urġenti għall-ikel, in-nutrizzjoni u l-għajxien fl-2020. Il-pandemija tal-COVID-19 kompliet iżżid dawn iċ-ċifri fl-ewwel nofs tal-2021, sa 161 miljun.

Il-finanzjament umanitarju tal-UE żdied b'mod sinifikanti għall-pajjiżi l-aktar affettwati mill-insigurtà alimentari. L-UE impenjat ruħha sabiex tonfoq mill-anqas EUR 1,1 biljun sabiex tiġġieled il-malnutrizzjoni fil-perjodu bejn l-2021 u l-2024. Barra minn hekk, ir-rabta bejn l-iżvilupp umanitarju u l-paċi fil-kriżijiet alimentari kif ukoll il-promozzjoni ta' approċċi ta' azzjoni antiċipatorja ġew implimentati ulterjorment.

Saħħa

Is-Saħħa Mentali u l-Appoġġ Psikosoċjali (MHPS) jeħtieġ li jkomplu jikbru. Matul l-2021, il-Kummissjoni ħadet diversi inizjattivi f'dan il-qasam, b'mod partikolari billi appoġġat lis-sħab taħt il-Kapaċità ta' Rispons Umanitarju Ewropew tal-2021 sabiex tiżviluppa politiki u għodod sabiex tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-MHPS bejn is-setturi u tinġabar *data* ta' kwalità.

Tħejjija għad-diżastri

Fl-2021, il-Kummissjoni kompliet issaħħaħ it-tħejjija għad-diżastri u l-azzjoni antiċipatorja. It-tħejjija għad-diżastri kompliet ukoll tiġi integrata f'operazzjonijiet ta' rispons għall-assistenza umanitarja. 49 % tal-proġetti umanitarji kollha tal-UE ffinanzjati fl-2021 kienu jinkludu attivitajiet ta' tħejjija għad-diżastri.

F'konsultazzjoni mas-sħab, il-Kummissjoni żviluppat Nota ta' Gwida dwar it-Tħejjija għad-Diżastri ġdida, li kienet ippubblikata fl-2021, li tiddeskrivi l-approċċ tagħha għat-tħejjija għad-diżastri u r-rispons umanitarju informat bir-riskju.

Assistenza fi flus

F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar flus kontanti bi skopijiet multipli u l-

impenji tal-Grand Bargain, il-Kummissjoni ħeġġet l-użu ta' trasferimenti ta' flus fejn huwa xieraq, li se joffru lin-nies affettwati b'għażla, flessibbiltà u kontroll akbar fuq ħajjithom stess. Il-Kummissjoni ħadmet fuq dokument ta' politika tematiku ġdid dwar it-trasferimenti ta' flus li ġie adottat fl-2022.

Innovazzjoni u involviment tas-settur privat

Il-Kummissjoni nediet sejħa għal proposti għal proġetti ma' sħab umanitarji mmirati lejn il-mobilizzazzjoni tas-settur privat u tal-kapital finanzjarju għal proġetti umanitarji.

Il-Kummissjoni żiedet il-ħidma tagħha dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-kondiviżjoni responsabbli tad-*data* personali, filwaqt li pprovdiet gwida dwar dawn il-kwistjonijiet bħala parti mid-dokument ta' politika tematiku ġdid dwar it-trasferimenti tal-flus.

It-Titjira tal-Għajnuna Umanitarja tal-UE, il-Pont bl-Ajru Umanitarju, u appoġġ ieħor għal servizzi umanitarji tat-trasport bl-ajru

It-Titjira tal-Għajnuna Umanitarja tal-UE (preċedentament ECHO Flight) hija servizz tal-ajru umanitarju b'erba' inġenji tal-ajru. L-operazzjonijiet ta' titjir fl-2021 ipprovdew trasport lil aktar minn 10 000 ħaddiem tal-għajnuna umanitarja u t-twassil ta' aktar minn 200 tunnellata ta' merkanzija umanitarja għal madwar 150 proġett implimentat mis-sħab umanitarji tal-Kummissjoni u minn organizzazzjonijiet umanitarji oħrajn fir-RDK, fil-Kenja u fil-Mali.

EUR 8,8 miljun li kienu allokati mill-UE fl-2021 ikkontribwew għall-appoġġ tas-Servizzi tal-Għajnuna Umanitarja tal-ajru tal-Programm Dinji tal-Ikel/tan-Nazzjonijiet Uniti fin-Niġerja, operazzjoni loġistika fil-Mali ma' Handicap International[4] u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-EU HAB fl-Etjopja, fil-Haiti, fl-Afganistan u fil-Mozambique (21 titjira - 500 tunnellata ta' merkanzija umanitarja).

Sommarju tal-evalwazzjonijiet li tlestew fl-2021

Evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-UE tad-Dokument ta' Politika Tematika tad-DĠ ECHO "Gender: Different Needs, Adapted Assistance" ta' Lulju 2013, 2014-2018

L-evalwazzjoni sabet koerenza xierqa mal-politiki rilevanti fil-livelli tal-UE u dawk globali, valur miżjud sinifikanti għas-Sejħa għal Azzjoni dwar il-protezzjoni mill-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru f'Emerġenzi u koordinazzjoni proattiva u promozzjoni mal-Istati Membri. L-integrazzjoni tal-ġeneru tjiebet fl-operazzjonijiet.

Evalwazzjoni tar-rispons umanitarju tal-Unjoni Ewropea għall-kriżi tar-refuġjati ta' Rohingya fil-Myanmar u fil-Bangladesh, 2017-2019

L-evalwazzjoni kkonkludiet li d-DĠ ECHO ikkontribwixxa sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-prevenzjoni u t-tnaqqis tas-sofferenza tal-bniedem, iż-żamma tad-dinjità tal-bniedem u ż-żamma tal-prinċipji umanitarji. Dan kien jinkludi wkoll rwol ewlieni f'termini ta' koordinazzjoni u promozzjoni.

Evalwazzjoni tal-assistenza umanitarja tal-Unjoni Ewropea fis-Sirja, 2016-2018

L-evalwazzjoni kkonkludiet li d-DĠ ECHO ta kontribut uniku għat-tisħiħ tal-impronta

[4] ECHO/FLI/BUD/2021/91001: azzjoni li tfittex li tiġbor flimkien il-mezzi tat-trasport (bit-triq, bl-ajru u fuq ix-xmara Niġer) għall-għoti ta' assistenza umanitarja minn Bamako u Mopti għal partijiet oħrajn tal-Mali.

umanitarja fis-Sirja kollha, u b'hekk ittejbet il-kopertura tar-rispons f'żoni li huma diffiċli biex jintlaħqu u f'dawk li huma assedjati. Ir-rispons huwa allinjat mal-prinċipji umanitarji, u kkoordinat tajjeb ma' atturi umanitarji oħrajn.

Implimentazzjoni tal-baġit tal-għajnuna Umanitarja tal-2021

Il-ftehimiet ta' finanzjament għall-għajnuna umanitarja konklużi mill-Kummissjoni fl-2021 jistgħu jinstabu fuq is-sit web tas-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja.

Implimentazzjoni tal-baġit tal-għajnuna umanitarja

IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-GĦAJNUNA UMANITARJA GĦALL-2021

Eskluż id-dħul assenjat estern mill-Istati Membri (f'miljuni ta' EUR)

Reġjun/pajjiż	Ammont	%
Afrika	**732**	**33 %**
Il-Baċir tan-Nil ta' Fuq	174	
Afrika Ċentrali	131	
Il-Lagi l-Kbar	73	
Il-Qarn tal-Afrika	170	
In-Nofsinhar tal-Afrika, l-Oċean Indjan	45	
L-Afrika tal-Punent	121	
L-Afrika ta' Fuq	20	
Il-Lvant Nofsani, ix-Xlokk tal-Ewropa u l-viċinat tal-Lvant	**756**	**35 %**
Il-Lvant Nofsani	409	
Ix-Xlokk tal-Ewropa u l-viċinat tal-Lvant	374	
L-Asja, il-Paċifiku	**330**	**15 %**
L-Asja tal-Lbiċ u Ċentrali	251	
L-Asja tax-Xlokk u l-Paċifiku	79	
L-Amerika Latina, il-Karibew	**144**	**7 %**
L-Amerika Latina	125	
Il-Karibew	20	
Diżastri madwar id-dinja	**154**	**7 %**
Operazzjonijiet u appoġġ komplementari	**75**	**3 %**
TOTAL	**2 190**[5]	**100 %**

Informazzjoni u sorsi addizzjonali

- Informazzjoni ġenerali dwar id-DĠ ECHO: http://ec.europa.eu/echo/en
- Informazzjoni finanzjarja dwar l-attivitajiet tal-għajnuna umanitarja tal-Kummissjoni Ewropea fl-2021: https://ec.europa.eu/echo/funding-evaluations/funding-decisions-hips_en
- Informazzjoni operazzjonali mis-snin ta' qabel:

[5] Minbarra l-baġit għall-għajnuna umanitarja, id-DĠ ECHO mmaniġġja EUR 904 miljun taħt il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili (EUR 225,8 miljun taħt il-baġit tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u EUR 678,6 miljun taħt il-baġit ta' Next Generation EU), u EUR 1,6 miljun taħt Azzjonijiet Esterni Oħrajn.

Protezzjoni Ċivili u Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

- Ir-Rapport Annwali tal-Attività għall-2021, id-DĠ ECHO: Korp tal-mudell tar-RAA 2021 (europa.eu)
- Ir-Rapport Annwali tal-Ġestjoni u tal-Prestazzjoni għall-2021: Annual management and performance report 2021 | Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)
- Ir-rapporti ta' evalwazzjoni tad-DĠ ECHO: https://ec.europa.eu/echo/funding-evaluations/evaluations_en
- Id-*data* tal-finanzjament tal-għajnuna umanitarja tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri: https://webgate.ec.europa.eu/hac/

Sħab tad-DĠ ECHO inkarigati mill-implimentazzjoni (2021)[6]

Aġenziji speċjalizzati tal-Istati Membri	
Stat Membru	**Isem**
Franza	Agence Française d'Expertise Technique Internationale
Il-Ġermanja	Deutsche Gesellschaft Für Internationale Zusammenarbeit

Organizzazzjonijiet Internazzjonali	
Pajjiż	**Isem**
L-Iżvizzera	Comité International de la Croix-Rouge (CICR)
L-Iżvizzera	Fédération Internationale des Sociétés de la Croix-Rouge Et Du Croissant Rouge

Aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti	
Pajjiż	**Isem**
Franza	United Nations Educational Scientific And Cultural Organization
L-Italja	United Nations - Food And Agriculture Organization
L-Italja	World Food Program
Iżrael	United Nations Relief And Works Agency For Palestine Refugees In The Near East
Il-Kenja	United Nations Human Settlements Programme
L-Iżvizzera	International Organization For Migration
L-Iżvizzera	Office Of The High Commissioner For Human Rights
L-Iżvizzera	United Nations High Commissioner For Refugees
L-Iżvizzera	United Nations Office For Disaster Risk Reduction
L-Iżvizzera	United Nations, Office For The Coordination Of Humanitarian Affairs
L-Iżvizzera	World Health Organization
L-Istati Uniti tal-Amerka	UN Women
L-Istati Uniti tal-Amerka	UNDP Multi Partner Trust Fund Office
L-Istati Uniti tal-Amerka	Unicef

[6] Sħab tad-DĠ ECHO li jimplimentaw operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja ffinanzjati mill-UE matul l-2021.

Aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti	
L-Istati Uniti tal-Amerka	United Nations - Pan American Health Organization
L-Istati Uniti tal-Amerka	United Nations Development Programme
L-Istati Uniti tal-Amerka	United Nations Mine Action Service
L-Istati Uniti tal-Amerka	United Nations Office For Project Services
L-Istati Uniti tal-Amerka	United Nations Population Fund

Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi	
Pajjiż	**Isem**
L-Awstrija	Care Österreich
L-Awstrija	Caritas Österreich
L-Awstrija	Hilfswerk Austria International
L-Awstrija	Hope'87 - Hundreds Of Original Projects For Employment
L-Awstrija	Oesterreichisches Rotes Kreuz
L-Awstrija	SOS-Kinderdorf International
L-Awstrija	World Vision Österreich
Il-Belġju	Aviation sans Frontières Belgique/Piloten zonder Grenzen België
Il-Belġju	Caritas International
Il-Belġju	Croix Rouge de Belgique - Communauté Francophone
Il-Belġju	Handicap International
Il-Belġju	Médecins du Monde - Dokters Van De Wereld
Il-Belġju	Médecins Sans Frontières Belgique/Artsen Zonder Grenzen Belgie
Il-Belġju	Nonviolent Peaceforce
Il-Belġju	OXFAM-Solidarité
Il-Belġju	Plan International Belgium vzw
Il-Belġju	Vétérinaires Sans Frontières Belgique - Dierenartsen Zonder Grenzen België
Il-Belġju	Vzw Rode-Kruis Vlaanderen Internationaal
Iċ-Ċekja	Charita Ceska Republika
Iċ-Ċekja	Člověk V Tísni, O.P.S.
Id-Danimarka	Adra Danmark
Id-Danimarka	CARE Danmark - Fonden For Frivillig Ulandsbistand
Id-Danimarka	Danish Committee For Aid To Afghan Refugees
Id-Danimarka	Dansk Flygtningehjaelp
Id-Danimarka	Dansk Rode Kors
Id-Danimarka	Folkekirkens Nodhjaelp
Id-Danimarka	Mission Ost Forening
Id-Danimarka	Red Barnet
Il-Finlandja	Kirkon Ulkomaanapu Sr
Il-Finlandja	Pelastakaa Lapset - Rädda Barnen
Il-Finlandja	Plan Suomi Säätiö
Il-Finlandja	Suomen Punainen Risti
Franza	Acted
Franza	Action Contre la Faim
Franza	Agronomes et Vétérinaires Sans Frontières

Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi	
Franza	Aide Medicale Internationale
Franza	Care France
Franza	Caritas France - Secours Catholique
Franza	Croix-Rouge Française
Franza	Fédération Handicap International
Franza	Handicap International
Franza	Immap France
Franza	Initiative Développement
Franza	Institut Bioforce
Franza	Internews Europe
Franza	La Chaine de L'espoir
Franza	Médecins du Monde
Franza	Médecins Sans Frontières
Franza	MRCA/Relief International
Franza	Première Urgence Internationale
Franza	Première Urgence
Franza	Solidarités International
Franza	SOS SAHEL International France
Franza	Telecoms Sans Frontières
Franza	The Alliance For International Medical Action
Franza	Triangle Génération Humanitaire
Il-Ġermanja	ADRA Deutschland E.V.
Il-Ġermanja	Arbeiter-Samariter-Bund Deutschland e.V.
Il-Ġermanja	Care Deutschland E.V.
Il-Ġermanja	DEUTSCHE WELTHUNGERHILFE E.V.
Il-Ġermanja	DEUTSCHER CARITASVERBAND E.V.
Il-Ġermanja	Deutsches Rotes Kreuz
Il-Ġermanja	Evangelisches Werk Für Diakonie Und Entwicklung E.V.
Il-Ġermanja	Help- Hilfe Zur Selbsthilfe E.V.
Il-Ġermanja	International Rescue Committee IRC Deutschland Ggmbh
Il-Ġermanja	Islamic Relief Humanitäre Organisation In Deutschland E.V.
Il-Ġermanja	JOHANNITER-UNFALL-HILFE E.V.
Il-Ġermanja	MALTESER HILFSDIENST E.V.
Il-Ġermanja	MEDAIR E.V.
Il-Ġermanja	Medico International e.V
Il-Ġermanja	Plan International Deutschland E.V.
Il-Ġermanja	Save The Children Deutschland E.V.
Il-Ġermanja	Tearfund Deutschland E.V.
Il-Ġermanja	Transparency International e.V.
Il-Ġermanja	World Vision
Il-Greċja	THE SMILE OF THE CHILD
Il-Greċja	ΓΙΑΤΡΟΙ ΤΟΥ ΚΟΣΜΟΥ ΕΛΛΗΝΙΚΗ ΑΝΤΙΠΡΟΣΩΠΕΙΑ
Il-Greċja	ΜΕΤΑδραση - Δράση για τη Μετανάστευση και την Ανάπτυξη
L-Irlanda	Concern Worldwide
L-Irlanda	Goal
L-Irlanda	Plan Ireland Charitable Assistance

Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi	
L-Irlanda	Trocaire
L-Italja	Actionaid International Italia Onlus
L-Italja	Associazione Internazionale Volontari Laici- Servizio Di Pace
L-Italja	Associazione Italiana Per La Solidarietà Tra I Popoli
L-Italja	Cesvi Fondazione Onlus
L-Italja	Comitato Internazionale Per Lo Sviluppo Dei Popoli
L-Italja	Cooperazione Internazionale
L-Italja	EMERGENCY - Life Support For Civilian War Victims ONG ONLUS
L-Italja	Fondazione Avsi
L-Italja	Fondazione Opera San Francesco Saverio
L-Italja	Fondazione Terre Des Hommes Italia Onlus
L-Italja	Intersos
L-Italja	Oxfam Italia Onlus Associazione
L-Italja	Save The Children Italia ONLUS
L-Italja	Un Ponte Per
L-Italja	Weworld-GVC Onlus
Il-Lussemburgu	Aide Internationale de la Croix-Rouge Luxembourgeoise A.S.B.L.
Il-Lussemburgu	Fondation Caritas Luxembourg
In-Netherlands	Artsen Zonder Grenzen
In-Netherlands	Het Nederlandse Rode Kruis
In-Netherlands	International Ngo Safety Organisation
In-Netherlands	Save The Children
In-Netherlands	Stichting Care Nederland
In-Netherlands	Stichting CORDAID
In-Netherlands	Stichting Nederlandse Vrienden Der SOS Kinderdorpen
In-Netherlands	Stichting Oxfam Novib
In-Netherlands	Stichting Plan International Nederland
In-Netherlands	Stichting TEAR fund Nederland
In-Netherlands	Stichting Terre Des Hommes Nederland
In-Netherlands	Stichting War Child
In-Netherlands	Stichting World Vision Nederland
In-Netherlands	Zoa
In-Norveġja	Kirkens Nødhjelp
In-Norveġja	Norges Rode Kors
In-Norveġja	Norsk Folkehjelp
In-Norveġja	Norwegian Refugee Council
In-Norveġja	Redd Barna
Il-Polonja	Polska Akcja Humanitarna
Il-Portugall	Fundação Aga Khan Portugal
Il-Portugall	Oikos - Cooperação E Desenvolvimento
Spanja	Acción Contra El Hambre
Spanja	Asociación para la Cooperación con el Sur "LAS SEGOVIAS"
Spanja	Ayuda En Acción
Spanja	Caritas Española
Spanja	Cruz Roja Española
Spanja	Entreculturas- Fe Y Alegria

Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi	
Spanja	Federación de Asociaciones Medicus Mundi Espana
Spanja	Fundación Oxfam Intermon
Spanja	Fundación Alianza Por Los Derechos, La Igualdad Y La Solidaridad Internacional
Spanja	Fundación Educación Y Cooperación - Educo
Spanja	Fundación Plan International España
Spanja	Fundación Save The Children
Spanja	Médicos el Mundo España
Spanja	Médicos Sin Fronteras
Spanja	Movimiento Por la paz, el Desarme y la Libertad
Spanja	Solidaridad Internacional Andalucía
L-Iżvezja	Läkarmissionen
L-Iżvezja	Plan International Sverige Insamlingsstiftelse
L-Iżvezja	PMU Interlife/PINGST FFS
L-Iżvezja	Radda Barnens Riksforbund
L-Iżvezja	Svenska Kyrkan
L-Iżvezja	Svenska Röda Korsets Centralstyrelse
L-Iżvizzera	Appel De Genève / Geneva Call
L-Iżvizzera	Association Médecins Sans Frontières
L-Iżvizzera	Caritas Schweiz
L-Iżvizzera	Fondation Suisse de Déminage
L-Iżvizzera	Lutheran World Federation
L-Iżvizzera	Medair
L-Iżvizzera	Solidar Suisse
L-Iżvizzera	Terre Des Hommes
L-Iżvizzera	The International Catholic Migration Commission
L-Iżvizzera	Vétérinaires Sans Frontières Suisse
Ir-Renju Unit	Action Against Hunger
Ir-Renju Unit	ActionAid
Ir-Renju Unit	Afghanaid
Ir-Renju Unit	Aga Khan Foundation
Ir-Renju Unit	Agency for Co-operation and Research in Development
Ir-Renju Unit	BBC Media Action
Ir-Renju Unit	British Red Cross
Ir-Renju Unit	Care International
Ir-Renju Unit	Catholic Agency For Overseas Development
Ir-Renju Unit	Christian Aid
Ir-Renju Unit	Global Network of Civil Society Organisations for Disaster
Ir-Renju Unit	Health Limited
Ir-Renju Unit	Helpage International
Ir-Renju Unit	International Medical Corps
Ir-Renju Unit	International Rescue Committee
Ir-Renju Unit	Islamic Relief Worldwide
Ir-Renju Unit	MapAction
Ir-Renju Unit	Medical Emergency Relief International
Ir-Renju Unit	Mercy Corps Europe
Ir-Renju Unit	Mines Advisory Group

Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi	
Ir-Renju Unit	Mission Aviation Fellowship International
Ir-Renju Unit	Muslim Aid
Ir-Renju Unit	Muslim Hands
Ir-Renju Unit	OXFAM
Ir-Renju Unit	Plan International
Ir-Renju Unit	Practical Action
Ir-Renju Unit	RedR - Engineers for Disaster Relief
Ir-Renju Unit	Relief International
Ir-Renju Unit	Tearfund
Ir-Renju Unit	The Halo Trust
Ir-Renju Unit	The Save The Children Fund
Ir-Renju Unit	United Purpose
Ir-Renju Unit	Welfare Association
Ir-Renju Unit	World Vision